# il-Ħuttafa

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




numru 86

mejju - ġunju 2008



# Ħej Ħbieb...

ritratt ta' Victor Falzon

editorjal

Is-sajf dieħel ġmielu u diġà bdejt nixgħel il-fann. Imma l-annimali m'għandhomx fannijiet, u biex ma jisħnux iridu jirranġaw mod ieħor.

Per eżempju l-kamaleonti jiċċara l-kulur tal-ġilda ħalli s-sħana tirrifletti minn fuqu. Iż-żrinġijiet jindifnu fit-tajn u jorqdu sal-ħarifa. L-għasafar li ma jkunux passew iqumu kmieni u jfittxu l-ikel meta jkun għadu qed jisbaħ. U xi għasafar... jieħdu banju!

Forsi ġieli rajtu l-għasafar tal-bejt jinħaslu f'roqgħa ilma. Isma', għax ma tagħmlux ftit karità ma' l-għasafar das-sajf: agħmlulhom banju! Mhemmx għalfejn xi jakuzzi ta! Ara, sibu plattina kbira tal-plastik (bħal tal-qsari), imlewha bl-ilma, u jekk għandkom ġnien, bitħa, terrazzin jew bejt, poġġuha x'imkien jekk tistgħu fid-dell. B'hekk lill-għasafar tipprovdulhom banju u anke drinking station, għax fin-nixfa tas-sajf dawn ma tantx isibu fejn jixorbu.

Imma **attenti!** Tagħmlux l-ilma iktar minn xi 3ċm fond inkella l-frieħ ta' l-għasafar jistgħu jegħrqu fih. **Importanti** wkoll li fil-plattina tagħmlu ġebla jew tnejn li tmiss max-xifer tal-plattina, ħalli jekk jaqa' gremxul jew xaħmet l-art fl-ilma jkollhom minn fejn jitilgħu, inkella jegħrqu. Naf għax darba ġratli u tgħidx kemm tajt bis-sieq lili nnifsi!

Daqshekk għalissa. Ħa mmur nieħu banju...

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur



Victor Falzon

C O U N T
6
Daqshekk baqa' xhur biex jispiċċa għal dejjem l-insib ta' l-għasafar minn Malta.
(suppost!)
D O W N

X'hemm mal-faċċata?



**Għajn il-Qattus** (cat snake *Telescopus fallax*) jew, kif issibu f'xi kotba **teleskopu,** għandu l-ħbub ta' għajnejh dojoq bħal tal-qtates. Huwa wieħed minn erba' speċi ta' sriep li għandna Malta. Ma tantx jarawh nies għax joħroġ l-iktar bil-lejl. Jaqbad l-iktar rettili oħrajn (bħal gremxul), u insetti kbar (bħal grilli u ġurati).

Ritratt ta' Victor Falzon






Dan huwa l-**mazzarell vjola** (violet dropwing *Trithemis annulata*), jew **vjolett** fil-qosor. Din hija mara, għax ir-raġel ikun vjola. F'*Il-Ħuttafa* 82 konna ġibnieh bħala mazzarell ġdid għal Malta, u jidher li qed jinfirex ġmielu. Iħobb iżomm ġwinħajh 'l isfel, għalhekk jgħidulu DROPWING.



Charles Gauci

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| X'reġa' ġej?! | 5 |
| Attività | 6 |
| il-gremxula tagħna | 6 |
| Saffi tal-Blat! | 7 |
| il-ħolm ta' Ġeremija | 7 |
| intervista... | 8 |
| ambjenti - id-DEŻERT (2) | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Dinja Waħda | 11 |


**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Angele Pulis

**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, kampijiet u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dan il-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta.
Bħalissa l-Klabb fih xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, Ġunju 2008
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop





Victor Falzon

## Mostri fuq il-Mistra!

Id-dehra ħelwa tal-bajja tal-Mistra tistgħu tgħidulha Ċaw Ċaw! għax fuq l-għolja tax-Xemxija għadu kemm ingħata permess biex jitilgħu blokki ta' bini ta' ħdax-il sular, bi 868 apartament fih. Ara dal-bini kollu x'irriduh meta f'Malta diġà hawn 53,000 djar u apartamenti vojta! L-ambjentalisti huma kollha kontra dan l-iżvilupp bla bżonn.

Sensiela ġdida fuq fjuri Maltin!

## L-iSkrepbuk tal-Fjuri

kitba u ritratt ta'
**Jeffrey Sciberras**

### kromb il-baħar isfar

bl-Ingliż **silvery ragwort**
isem xjentifiku ***Senecio bicolor***



- Il-kromb il-baħar isfar huwa arbuxxell li jikber xi metru għoli, u jgħix diversi snin.
- Il-weraq ikun ġeneralment imlaħħam, u minn fuq ikun aħdar filwaqt li minn taħt kulur il-fidda. Xi kultant, speċjalment għall-bidu tas-sajf, ikollu wkoll xi ftit weraq ħomor.
- Minn Mejju sa Lulju jtella' ħafna friegħi twal xi 30ċm u fuqhom iwarrad. Jagħmel umbrelel ta' fjuri sofor u żgħar qishom bħal tal-lellux. Il-fjuri tal-kromb jiġbdu lejhom diversi speċi ta' ħanfus.
- Jikber f'postijiet ġeblin bħal swar, irdumijet, fl-imħarbat, f'xi widien u l-iktar ħdejn il-baħar. Il-kromb il-baħar huwa probabbli indiġenu fil-Gżejjer Maltin.
- Komuni f'Malta u fuq Selmunett (Gżejjer ta' San Pawl), frekwenti f'Għawdex u f'Kemmunett, u komuni ħafna f'Kemmuna. Sar iżjed komuni fiż-żmien riċenti.



## Pulpetti tal-pitirrossi!

Matul is-sena li għaddiet, in-nassaba f'**Ċipru** qabdu iktar minn miljun għasfur żgħir tal-passa. Hemmhekk iffissati mhux bl-għasafar ta' l-għana (bħal Malta) imma jaqbduhom biex isajruhom. F'Ċipru tista' tmur f'xi ristoranti u tordna platt pitirrossi moqlijin! Suppost li kontra l-liġi...

## Ħobbu d-Doggie!



Suldati Amerikani li qegħdin l-Iraq tant saru ħbieb ma' xi klieb mitluqin li sabu hemmhekk, li rranġaw biex isifruhom lejn darhom fl-**Amerka**. F'ġimgħa waħda l-SPCA daħħlet 24 kelb u għaddiethom lill-familji tas-suldati biex dawn isibuhom jistennewhom la jmorru lura d-dar!

## Bergers tal-balieni!



Wara li **Iceland** iffissat u webbset rasha li terġa' tibda tikkaċċja l-balieni, issa ma tafx x'se tagħmel bil-laħam tagħhom! Għalhekk bagħtet 70 tunellata laħam biex tbigħu lill-Ġappun. Imma l-Ġappun ma jriduhx dal-laħam, għax anke huma jikkaċċjaw il-balieni, u anke huma għandhom il-friżers imburġati bil-laħam!







tonn
atlantic bluefin tuna
*Thunnus thynnus*

# it-tonn sejjer il-baħar!

**It-tonn se jispiċċa mid-dinja**. Is-soltu storja: is-sajjieda qed jistadu għalih b'mod esaġerat, u t-tonn qed jonqos b'rata tal-biża'. Is-sajjieda jafuh dan, imma flok ma jibżgħu għat-tonn li baqa' ħalli s-sena d-dieħla jbid u jkollna għas-sena ta' wara u ta' wara, jagħmlu bil-maqlub: tellieqa sfrenata biex jaħartu l-Atlantiku u l-Mediterran biex jaqbdu sa l-aħħar waħda.

Tistaqsu: **Għaliex dal-ġenn?**

Tweġiba: **Għax tonna waħda kbira taf iġġib prezz ta' eluf ta' ewro!**

Barra minn hekk jgħidulek "Jekk ma naqbadhiex jien ħa jaqbadha ta' warajja".

Meta sajjieda f'inħawi oħrajn tad-dinja irraġunaw hekk, ġara li spiċċalhom il-ħut u kellhom iżarmaw mis-sajd u jsibu xogħol ieħor! U hekk se jiġri bit-tonn. L-Unjoni Ewropea għandha kontrolli fuq kemm jinqabad tonn, imma s-sajjieda kull sena jaqbdu iktar milli suppost. Il-[1]kwota għal dis-sena fil-fatt diġà nqabżet.

L-esperti tal-World Wildlife Fund (WWF) jgħidu li biex tissolva dil-problema m'għandux jitħalla jsir iktar sajd għat-tonn f'Ġunju, għax f'Ġunju t-tonn ikun qed ibid.

# Ftit tama għat-tigra

**Fid-dinja baqa' biss xi 6000 tigra fis-selvaġġ, u nofshom jgħixu fl-Indja. L-Indja hija kbira imma fiha wkoll jgħixu iktar minn biljun (1,000,000,000) bniedem. Għalhekk it-tigri anke fl-Indja qed jonqsu, għax in-nies ftit ftit qed joħdulhom posthom. Il-kaċċaturi joqtlu wkoll skoss tigri kull sena biex ibiegħu l-ġilda u l-għadam tagħhom u jdaħħlu balla flus (xi €32,000 kull tigra!). Biex it-tigri jitħarsu aħjar, fl-Indja hemm parks u riservi li nħolqu apposta għalihom. Wieħed famuż huwa Ranthambore, fejn jgħixu xi 30 tigra. Ftit ġimgħat ilu l-gwardjani tal-park għoddew 14-il ferħ ta' tigra - numru sabiħ ħafna, li jagħti xaqq tama għall-futur ta' dan l-annimal tal-ġenn.**



[1]**kwota**: numru ta' annimali (ħut, tajr, ċriev eċċ) li kaċċaturi jew sajjieda jkollhom permess jaqbdu fi staġun wieħed.



# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

## il-ġaħġaħ



Bħalissa ftit li xejn naraw għasafar tal-passa, u did-darba se nduru fuq wieħed mill-ftit għasafar li jbejtu f'pajjiżna. Meta beda jbejjet f'Malta, xi 50 sena ilu, dan l-għasfur uffiċjalment semmewh Għammiel tas-Siġar, imma dan l-isem ma sabx xorti man-nies li malajr laqqmuh "ġaħġaħ".

Il-ġaħġaħ huwa mir-razza ta' l-Għasfur tal-Bejt u mad-daqqa t'għajn forsi tarah l-istess. Imma bil-paċenzja u osservazzjoni tagħrafhom minn xulxin. Anke l-għajta tiegħu, li tixbaħ lil ismu, għandha tgħinek.

L-iktar mezz faċli biex tagħrfu minn Tal-Bejt hu billi tħares lejn il-warda tal-wiċċ. Jekk fuq l-abjad tara dabra sewda, mela inti rajt l-ewwel ġaħġaħ tiegħek! Differenza oħra hi li l-iswed ta' taħt geddumu ma jibqax nieżel sa fuq sidru, bħal ma jkollu Tal-Bejt fi żmien in-namra. Il-ġaħġaħ raġel u mara huma l-istess.

Biex tara ġaħġaħ tfittxux qalb il-bini, għax dan l-għasfur jippreferi l-kampanja jew it-truf tal-irħula. Ibejjet l-iktar f'toqob f'ħitan jew bini antik. Is-siġar jużahom biss jekk isib xi toqba fiz-zokk.

L-istampa meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna*. Dal-ktieb qiegħed għall-bejgħ €4.60.

Desirée Falzon





# X'reġa' ġej?!

Is-sena l-oħra nfetħet id-daħla l-ġdida tal-park ta' Ta' Qali. Ma nafux x'kienet l-idea ta' dak il-ħafna ħadid, imma dak il-metall kollu żgur ma jfakkrekx f'park! Issa dan l-aħħar għalqu parti oħra, u qed jgħidu li hemmhekk ġej "Adventure Park". Jekk ma noqogħdux attenti se nitilfu l-ġmiel kollu ta' dal-post. Għaliex? Għax Ta' Qali s-sabiħ tiegħu huwa l-wisa' u l-ftuħ, u dawn il-ħafna proġetti ftit ftit qed inaqqru u jċekknu l-beraħ li tant jagħmlu lil Ta' Qali speċjali. :(




merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlinlibrary
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135


Klabb Huttaf f'isem il-BirdLife jixtieq jirringrazzja lil Merlin Library tan-numru sabiħ ta' kotba li dejjem jagħtina biex ikollna x'inqassmu bħala rigali waqt attivitajiet tal-Klabb u ta' Dinja Waħda.

## Issa saret ħarġa ta' kull sajf...

# ċafċifa maċ-ċief

Reġgħet waslet il-ħarġa fuq il-baħar, li fiha mmorru bil-lanċa sa Għawdex. Imma flok ma ninżlu l-art nibqgħu nduru bil-mod ma' l-irdum tan-naħa t'isfel tal-gżira biex nitpaxxew bix-xenarju, bil-kwiet, biż-żiffa tal-baħar u bix-xemx nieżla. Imma hemm sigriet ieħor, li jekk diġà ġejtu żgur tafu x'inhu: **iċ-ċief**! Iċ-ċief huwa tajr kbir tal-baħar li bi nhar ikun qed jistad fuq il-baħar, imma filgħaxija jtir lejn il-bejtiet li jkollu fil-ħofor fl-irdum u s-sisien. Imma qabel jidħol, iċ-ċief iħobb jinġabar fi gruppi (rafts) f'wiċċ il-baħar biex jistenna d-dlam. Kultant dawn ir-rafts ikun fihom mijiet ta' għasafar - is-sena l-oħra rajna xi 2000 ċiefa! Insomma daqshekk paroli. Fittxu bbukkjaw u ejjew gawdu n-natura magħna.



Hekk tkun raft ta' ċief

Kathleen Mamo

data: is-**Sibt 26 Lulju 2008**
tul tal-ħarġa: xi **3 sigħat**
prezz tal-lanċa: xi**€5** kull persuna
merħba: **membri kollha u l-familja**
IMPORTANTI

- Ibbukkjaw billi ċċemplu lill-BirdLife fuq 21347644/5 u tingħataw ukoll iktar dettalji. Ċans għandkom sal-Ħamis 24 Lulju, imma ddumux taħsbuha!
- Tibagħtux flus bil-posta. Ħlas fil-post. Jekk iġġibu flus bl-eżatt (jew ċekk) aħjar, ħalli nħaffu!
- Jekk il-baħar jagħmlilkom id-deni, tieklu xejn sa sagħtejn qabel il-ħarġa.
- Membri taħt 8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir.

Forsi naraw xi denfil ukoll.

## il-Massa Membri tal-Mixja Maratona ta' Marzu Migburin!



Hawn hu r-ritratt ta' dawk li ġew għall-maratona. X'naqra ta' grupp konna eh! Grazzi lil kulħadd.

Victor Falzon

Fil-lista li ġibna l-aħħar darba tat-tfal li ġew il-mixja, insejna nsemmu lil **Kayle Decelis**. Sorry Kayle!

## il-gremxula tagħna



Hawn hu ritratt sabiħ tal-**Gremxula ta' Malta**. Il-gremxula hija waħda minn disa' speċi ta' rettili ta' l-art li għandna f'Malta, u probabbli hija l-iktar waħda komuni minnhom. Imma billi komuni, xorta waħda l-gremxula tagħna annimal speċjali, għax hija endemika għal Malta. Endemika jiġifieri ma ssibha mkien iktar fid-dinja. **F'Malta biss!**

Matthew Borg cardona






Victor Falzon (fuq idea ta' Victor Pulis)

Klabb Ħuttaf jgħid grazzi kbira lill-ħabiba tagħna **Sylvia Falzon** tas-snin li għamlet bħala waħda mil-Leaders tal-Klabb, ta' l-għajnuna u l-enerġija li tat lill-Klabb u lill-membri waqt il-ħarġiet. Sylvia kienet ukoll membru u segretarja tal-kumitat ta' Klabb Ħuttaf.

## Il-ħolm ta' Ġeremija l-Ġurat

Qed noħlom li jivvintaw karozzi speċjali li ssib tixtrihom bħal ma ssib is-saqqijiet: single jew double! Is-single ikunu għal sewwieq wieħed u għalhekk ikunu żgħar, u għax ikunu żgħar ikunu ħfief, u għax ikunu ħfief ma jkunux jaħlu, u għax ma jkunux jaħlu, il-Gvern iraħħashom. U iktar ma jkunu rħas iktar in-nies jixtru minnhom flok karozzi kbar, u iktar ma n-nies jixtruhom, iktar tonqos il-problema ta' traffiku, u inqas ma jkun hemm traffiku, iktar tasal malajr, u iktar ma tasal malajr, inqas tuża fjuwil, u inqas ikun hemm ħela, u l-arja tkun iktar nadifa, u l-ambjent ikun isbaħ...





# intervista...



Ma nafux kif, il-ħabiba tagħna u kap ta' Klabb Ħuttaf **Kathleen Mamo** irnexxielha twaqqaf lil ĦUTTAFA għal ftit mumenti mill-ġiri u t-titjir sfrenat, biex tagħmlilha intervista qasira ħalli nitgħallmu ftit dwar din il-maskot bla kwiet f'ġisimha. Insomma bejn qabża u tferfira, ĦUTTAFA tatna dan it-tagħrif...






**K: X'jismek eżatt?**
**Ħ: Jisimni ĦUTTAFA.**

**K: Kemm għandek żmien?**
**Ħ: Lanqas naf eżatt imma twelidt fl-istaġun tas-sħana.**

**K: X'nazzjonalità inti?**
**Ħ: Maltija. Jiena u ħuti wħud mill-ftit ħuttaf li faqqsu hawn Malta. Faqqasna f'bejta magħmula mit-tajn li l-Ma u l-Pa bnew taħt loġġ ta' razzett ħdejn Ħaż-Żabbar.**

**K: Xi tgħidli fuq il-familja tiegħek?**
**Ħ: Kbira ħafna! Ommi u missieri kellhom ħafna żgħar matul is-snin, imma miegħi faqqsu tliet ħuttafiet oħra: Ħuttafina, Ħuttafinu u Ħuttafu. Ħutna l-kbar kienu jgħinu lil Ma u lil Pa jżoqquna.**

**K: Xi ħaġa fuq id-dehra tiegħek...**
**Ħ: Ħeqq, kif tara, għandi dahri u l-ġwienaħ blu skur ħafna kważi suwed, sidri abjad u għandi dabra ħamra taħt geddumi u fuq munqari. Għandi denbi jispiċċa f'żewġ rixiet twal ġejjin għall-ponta.**

**K: X'tip ta' karattru għandek?**
**Ħ: Nieħu gost ħafna bil-kumpanija. Niddejjaq intir waħdi, allura dejjem intir mal-ħuttaf l-oħrajn. U bilħaqq, tgħidx kemm inħobb inlablab. Fil-fatt sikwit issibni fuq xi wajer fl-għoli maġenb sħabi l-ħuttaf fejn ngħidu kelma bejn il-ħbieb.**

**K: Għandek logħba favorita?**
**Ħ: Iva...skajdajving! U tgħidx kemm inħobb nilgħabha. Tridu tkunu tafu kif? Mela l-ewwel intir fl-għoli, imbagħad nogħdos 'l isfel b'kemm ikolli saħħa. Malli niġi viċin l-art...ħupla! Nibbrejkla u ndur niġri 'l fuq. Bħal bungee jumping imma bla lastku, għax ħeqq jien għandi l-ġwienaħ!**

**K: Għandek xi talent speċjali?**
**Ħ: Għandi ħabta kif jirnexxieli niekol u nixrob waqt li ntir.**

**K: L-ikel favorit tiegħek?**
**Ħ: Nemus, nemus u nemus! L-ħena tiegħi ntir viċin ġibjuni u għadajjar għax hemm ikolli xalata ta' nemus u tgħidx x'festa nagħmel!**

**K: U l-passatemp favorit?**
**Ħ: Is-safar. Fis-sajf nitla' sa l-Ewropa ta' Fuq u fix-xitwa ndur ftit l-Afrika. Imma fir-rebbiegħa u fil-ħarifa nippreferi nqatta' xi jiem magħkom hawn Malta.**

**K: Għandek xi ħbieb speċjali?**
**Ħ: It-tfal, speċjalment il-membri ta' Klabb Ħuttaf, għax naf li tħobbuni ħafna u tagħmlu minn kollox biex tipproteġu lilna l-għasafar. Ibqgħu sejrin hekk ħbieb! Ċaw ċaw!**

**K: Grazzi, Ħutt--! Il-aħwa, diġà sparixxiet..!**



Ferħ ta' ħuttafa li faqqas f'Malta proprju ftit ġimgħat ilu fl-inħawi ta' Ħal Far. Denbu mhux iffurkjat għax l-għasfur għadu qed jikber.

Ritratt ta' seħibna Chris Cachia Żammit, fotografu żagħżugħ.





**Fil-ħarġa li għaddiet tajna ħarsa lill-ambjent uniku tad-deżert. Rajna kif il-kundizzjonijiet tad-deżert kapaċi jkunu diffiċli ħafna, b'temperaturi li jvarjaw minn kesħa estrema għal sħana estrema, u bi ftit ħafna xita. Aħna l-bnedmin żgur inbatu biex ngħixu f'nofs deżert, u forsi għalhekk taħsbu li ftit hemm pjanti u annimali li jgħixu f'ambjent daqshekk diffiċli. Imma n-natura hija tassew meraviljuża fil-mod kif tadatta ruħha! U l-ħajja fid-deżert teżisti wkoll...**




Il-FENNEC FOX għandu widnejn enormi li minnhom jitlef is-sħana iktar malajr.

# id-deżert 2

## pjanti interessanti

Nibdew bil-pjanti. Kif nafu anke minn sempliċi qasrija li jkollna d-dar, il-pjanti jridu l-ilma biex jgħixu. Hemm però pjanti li adattaw biex jgħixu anke bi ftit li xejn ilma. Intom żgur rajtu minnhom dawn il-pjanti: id-diversi tipi ta''kaktus, per eżempju. Jekk tqabblu l-kaktus ma' pjanti oħrajn taraw li għandhom zokk imlaħħam, li kapaċi jżomm l-ilma. Ħafna pjanti tad-deżert



Ħafna kaktus, bħal dawn is-SAGWARO, għandu xewk flok weraq, u jaħżen l-ilma fiz-zokk.

għandhom weraq ftit li xejn (jew xejn għal kollox) u dan biex inqas jitilfu ilma minnhom. Oħrajn jadattaw sistemi ta' għeruq li kapaċi jikbru fil-fond sew biex ifittxu l-ilma anke meta dan ikun 'l isfel ħafna.

Hemm pjanti oħra li flok adattaw l-istruttura tagħhom, adattaw iċ-ċiklu ta' ħajjithom madwar il-kundizzjonijiet tad-deżert. Il-pjanti li jgħixu diversi snin jirnexxielhom ikampaw waqt staġuni ta' nixfa billi jgħixu daqs li kieku reqdin, per eżempju bħala basal taħt l-art, biex imbagħad jikbru kif ikun hemm l-ilma. Pjanti oħrajn jinbtu mill-ewwel wara ħalba xita, u jagħmlu ċ-ċiklu sħiħ ta' ħajjithom - jiġifieri jipproduċu weraq, fjuri, frott u żerriegħa - f'perjodu qasir ħafna. Ħafna drabi ż-żerriegħa tkun ukoll reżistenti għan-nixfa, għas-sħana jew għall-kesħa.

## annimali fenomenali

L-annimali tad-deżert ukoll għandhom mekkaniżmi speċjali biex jgħixu f'dan l-ambjent. L-annimali huma iktar vulnerabbli mill-pjanti għal temperaturi estremi, u jekk it-temperatura tisħon jew tiksaħ wisq, dawn imutu. Biex ma jiġrix dan, l-annimali għandhom ħafna tattiċi. Waħda min dawn hija li jevitaw is-sħana, per eżempju billi jpassu (bħall-għasafar), jew billi joħorgu fl-apert biss filgħodu kmieni u filgħaxija. Fil-fatt ħafna annimali tad-deżert huma [1]notturni. L-annimali spiss iħaffru mini u bejtiet taħt l-art, fejn ikun iktar frisk, u hemm ukoll minnhom li jagħlqu dawn il-ħofor biex ma tidħolx l-arja sħuna.

Annimali oħrajn jadattaw skond l-istaġuni, billi jorqdu għal perjodi twal fi sħana jew f'kesħa qalila, u jqumu meta l-kundizzjonijiet ikun aħjar. Il-ġisem ta' l-annimali tad-deżert spiss ikunu ukoll adattat biex l-annimal jeħles mis-sħana malajr. Per eżempju widnejn il-**fennec fox** huma enormi biex is-sħana tevapora minnhom ħalli t-temperatura ta' ġismu titbaxxa malajr. Annimali oħra għandhom kuluri iktar ċari minn annimali simili li jgħixu f'ambjenti oħrajn - dan għaliex kuluri ċari jirriflettu s-sħana.

Mod ieħor kif jadattaw l-annimali huwa b'mekkaniżmi biex jaħżnu l-ilma. Xi annimali tant huma adattati li lanqas għandhom bżonn jixorbu, għax jieħdu l-ilma kollu minn dak li jieklu. Il-**kangaroo rat** kapaċi jieħu l-ilma anke miż-żerriegħa niexfa li jiekol! L-insetti tajbin ħafna biex jużaw kull sors ta' ilma mill-pjanti tad-deżert. Xi annimali li jgħixu taħt l-art jirriċiklaw anke l-ilma min-nifs tagħhom!

Mela kif taraw, id-deżert mhuwiex ambjent mejjet kif ġieli naħsbu, anzi huwa pjuttost ambjent sinjur fil-ħajja tassew unika li fih!



Il-KANGAROO RAT m'għandux bżonn jixrob!

[1]**notturni** - annimali li joħorġu bil-lejl. F'Malta għandna per eżempju l-qanfud.

# nilagħbu tikka

ma' **Janet** u **Amy Gerardi**

Liema brama minn A sa G hija l-istess waħda li tidher sewda.

Imma attenti tmissuhomx ghax tieħdu xi tingiża! :)




# gallerija

Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom halli nġibuhom f'*Il-Huttafa.*

Tibagħtux stampi ta' annimali domestiċi.



**għasfur ta' san martin** daphne anne pollacco



**keel-billed toucan** jacqueline licari 10



**żanżarell tat-tikek** brandon birmingham 11



**qabru** justin cachia 8



**żiemel tal-baħar** micaela cassar 13



**għasfur tal-bejt** natasha gatt 11



**daqquqa tat-toppu** daniel mallia 7



**brajmla** anne-marie austad 10



**mazzola** duncan vella 10



**fenek salvaġġ** chantal borg 6

**titwila lejn**

# Dinja Waħda

Desirée Falzon







**dudu tas-sajd**
john borg

Bhalissa l-iskola tieqaf għall-vaganzi tas-sajf. Allura Dinja Waħda se tieqaf? Iva u le. Fis-sajf naturalment ma tistgħux tagħmlu attivitajiet ma' l-għalliema, imma ambjentalist ta' vera qatt ma jieqaf jaħdem għall-ambjent. Anke waqt il-vaganzi tistgħu tagħmlu attività ta' Dinja Waħda, anke minn xatt il-baħar! Qed nghid għal Attività 12 li jisimha **Picture it!**

Ħafna tfal, meta jmorru fil-kampanja jew ħdejn il-baħar, ftit jagħtu każ il-kreaturi jew il-pjanti li hemm madwarhom, anzi kultant jagħmlulhom il-ħsara. F'din l-attività rridu nuru kemm nafu nħobbu n-natura. Kif? Sempliċi: bil-kamera! Daż-żmien ħafna minnkom għandkom kamera diġitali, għalhekk meta tmorru tgħumu ħudu l-kamera f'xatt il-baħar u fittxu l-flora u l-fawna li tgħix hemmhekk, u ħudulhom ritratti. Żommu għajnejkom miftuħin, għax meta tfittex, tiskanta kemm issib kreaturi u pjanti li qatt ma tkun innutajthom qabel. F'xatt bir-ramel issib ħajja differenti minn dak ta' fuq xatt bil-blat. Wara, agħżlu l-aħjar ritratti, ipprintjawhom u waħħluhom f'album li toħolqu intom. Żejnuh u tuh isem, per eżempju *Lenti fuq in-Natura*, jew *F'Xatt-il-Baħar.*



**pankrazju**
alex casha



**siċċa**
juan ellul pirotta

Meta terġa' tibda l-skola, ħudu l-album magħkom u ghidu lill-għalliema li diġà bdejtu tiġbru punti ta' Dinja Waħda għall-iskola tagħkom!



**artikla ħamra**
ray galea





**bebbuxa ta' l-għajnejn**
ray galea



F'xatt il-baħar ibżgħu ħafna għall-kamera għax hemmhekk għandha erba' għedewwa: is-**shana**, ir-**ramel**, l-**ilma** u l-**melħ**! Oqogħdu wkoll b'seba' għajnejn u tħalluhiex weħidha inkella jitfaċċa għadu ieħor: xi **ħalliel**!

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.

BirdLife MALTA

Bank of Valletta

# Bank of Valletta

BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT®






## Mid-djarju ta' Ċikkurillu

Hello ħbieb,

Għadda xahar ieħor u erġajna ltqajna. Kif qed igerbeb iż-żmien, hux tassew?

Intom għamiltu xi ħaġa interessanti dan ix-xahar? Ikolli ngħid iva. Fil-fatt, nhar il-Ħadd, 30 ta' Marzu, ltqajt ma' xi wħud minnkom ix-Xemxija!! X'mixja kellna, imma kemm ħadna gost.

Mela, għal dawk li ma setgħux ikunu magħna, il-BOV u d-Dinja Waħda ħadmu flimkien mat-tfal ta' Klabb Ħuttaf biex jiġbru l-flus favur l-ambjent. Intom, tfal ta' l-iskola mortu għand il-familja u l-ħbieb tagħkom biex tiġbru d-donazzjonijiet. Imbagħad nhar il-Ħadd imxejna xejn inqas minn 11-il kilometru mir-Rabat sax-Xemxija!! B'kollox jaħsbu li konna mat-80 tifel u tifla. Magħna kien hemm numru sabiħ ta' ġenituri li għamlu l-mixja. Barra minn hekk, kien hemm ukoll għadd ta' voluntiera tal-Bird Life li tul il-mixja qagħdu juruna diversi speċi ta' flora u fawna Maltija.



Jien għamilt ħabib ġdid ukoll, tafux? Meta wasalna x-Xemxija, ħdejn ir-Riserva tas-Simar, laqqgħuni ma' Ħuttafa, il-maskot ta' Klabb Ħuttaf. U xi tgħiduli għal-logħba tal-aħħar!! Kien hemm erba' reċipjenti biż-żebgħa safra, ħamra, ħadra u blu. Aħna t-tfal daħħalna l-pali ta' jdejna fihom u ħallejna stampa ta' jdejna fuq poster kbir li kien jgħid 'Aħna nħobbu n-natura'.

Kienet ġurnata tassew sabiħa, u li mhux ħa ninsiha malajr. Sieħbi l-Ħuttafa u jien nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li ġew magħna. Sax-xahar id-dieħel, ċaw ċaw ħbieb.

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com 2131 2020

BOV 19399

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*